MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 15/2005

**Angelo u Maria Annunziata konjugi Scicluna Karta ta’ l-Identita’ Numru 617949(M) u 203650(M) rispettivament**

**Vs**

**Joseph Previ**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-garaxx numru tnejn (2), Triq il-Fortizza, ix-Xghajra, Zabbar, liema garaxx hu okkupat mill-konvenut minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 10 ta’ Lulju 2004 u dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Settembru 2004 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond huwa ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) fis-sena.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talba tigi pruvata (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-9 ta' Jannar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra (ara ukoll fol 24, 25, 26 u fol 27 tal-atti).

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-garaxx numru tnejn (2), Triq il-Fortizza, ix-Xghajra, Zabbar, okkupat mil-istess konvenut minghajr ebda titolu validu skond l-ligi u dan sat-23 ta’ Frar 2006 kif ukoll sabiex jhallas l-ispejjes ta’ din il-procedura inkusi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta’ Lulju 2004 u tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Settembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------